# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 15 ta' Marzu 2016

Rikors ta' Ritrattazzjoni Nru. 53/10/1RGM

Kawza fil-lista: 18

**T L**
**vs**
**H P G (L) u b'digriet tal-14 ta' Jannar 2013 l-Avukat Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti P H G (L)**

**Il-Qorti,**

**<u>Preambolu</u>**

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Jannar 2016 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata ritrattata.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet fit-28 ta' Jannar 2016 u fil-5 ta' Frar 2016 rispettivament.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidrat;

L-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata ritrattata taqra kif gej:-

"1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, din l-istanza hija mproponibbli stante illi a tenur ta' artikolu 812 tal-Kap 12 ma tistax tintalab ritrattazzjoni ta' kawza li

ghadha ma ghaddietx in gudikat. Dana peress illi mis-sentenza li taqhha qed jintalab ritrattazzjoni ir-rikorrenti intavola appell;"

Ikkunsidrat;

Jirrizulta mhux kontestat illi fl-4 ta' Dicembru 2014 din il-Qorti diversament presjeduta ppronunzjat sentenza fil-kawza fl-ismijiet T L vs. H P G (L). Fit-18 ta' Dicembru 2014 T L ipprezenta rikors li permezz tieghu talab li jsiru korrezzjonijiet fis-sentenza referibbli ghall-konteggi u dan bis-sahha tal-Artikolu 825 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. B'digriet tat-13 ta' Frar 2015 ir-rikors gie michud. Sussegwentement T L ipprezenta rikors iehor fl-20 ta' Frar 2015 fejn rega' talab korrezzjonijiet fis-sentenza. Din id-darba ir-rikors tieghu gie milquh parzjalment permezz ta' digriet moghti fil-5 ta' Marzu 2015.

Jum qabel dan it-tieni digriet, u cioe' fl-4 ta' Marzu 2015, T L ipprezenta rikors fejn talab ir-ritrattazzjoni tal-kawza deciza fl-4 ta' Dicembru 2014 filwaqt li fil-5 ta' Marzu 2015 intavola appell mis-sentenza. L-appell gie eventwalment deciz b'sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fil-15 ta' Dicembru 2015 fejn l-appell gie dikjarat fuori termine.

L-intimata ritrattata qed teccepixxi l-irritwalita' tal-proceduri odjerni peress li mhux kontestat li dwar l-istess sentenza jigu prezentati rikors tal-appell u rikors ta' ritrattazzjoni.

Ikkunsidrat.

**Kunsiderazzjonijiet.**

In tema legali ghandu jinghad illi l-istitut tar-ritrattazzjoni huwa mizura eccezzjonali li jaghti l-possibilita' li sentenza li ghaddiet in gudikat tithassar u l-kawza terga tigi trattata mill-gdid.

Fis-sentenza **Edrichton Holdings Limited vs Vella Emmanuel Et,** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju 2007 jintqal illi l-istitut tar-ritrattazzjoni huwa "mizura eccezzjonalissima intiza principlament biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu ssopravvenew, basta li f'ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunu dovuti ghan-negligenza procedurali ta' min jitlob irritrattazzjoni.".

Fis-sentenza **George Abela vs Joseph Cortis noe** moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Novembru 2008 jintqal illi:-

"….ir-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju mholli li jsir biss fil-kazijiet stabiliti fil-ligi liema cirkostanzi huma tassattivi u ghandhom jinghataw tifsira

ristretta u bla tigbid jew analogija." ………."ir-regola li huwa mixtieq u mehtieg li jkun hemm ic-certezza tad-dritt u fejn kawza tkun inqatghet b'sentenza li tkun ghaddiet f'gudikat din m'ghandhiex titwaqqa' kif gieb u lahaq, imma biss ghal ragunijiet serji u gravi. Dan kollu mbaghad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*".

Ikkunsidrat;

L-intimata ritrattata qed issejjes l-ewwel eccezzjoni taghha fuq l-Artikolu 812 tal-Kap. **Artikolu 812 tal-Kap. 12** jipprovdi illi:-

"Ir-ritrattazzjoni ta' kawża deciza b'sentenza mogħtija minn qorti tal-ewwel grad, u li għaddiet f'ġudikat, tista' tingħata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iz-zmien tal-appell."

**Ritrattazzjoni ta' Sentenza Moghtija fil-Prim' Istanza.**

Isegwi ghalhekk illi sabiex parti f'kawza titlob ritrattazzjoni ta' kawza deciza fil-prim' istanza jehtieg li jigu sodisfatti zewg kweziti. L-ewwel, li s-sentenza ghaddiet in gudikat u t-tieni, illi r-ragunijiet li ghalihom titntalab ir-ritrattazzjoni ma kienux maghrufa lil min jitlob ir-ritrattazzjoni fit-terminu ghall-appell.

Ikkunsidrat;

Tenut kont li l-appell gie prezentat minn T L fil-5 ta' Marzu 2015 filwaqt li s-sentenza li minnha sar l-appell kienet inghatat fl-4 ta' Dicembru 2014, necessarju jigi deciz jekk meta gew intavolati l-proceduri ta' ritrattazzjoni odjerni is-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014 kenitx saret *res judicata* u dan fit-termini tal-Artikolu 812 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Meta fl-4 ta' Marzu 2015 gie prezentat ir-rikors guramentat li ta bidu ghall-proceduri odjerni ta' ritrattazzjoni l-ebda rikors tal-appell ma kien hemm pendenti peress li kien ghadu ma giex intavolat. Effettivament T L ipprezenta rikors tal-appell fil-jum sussegwenti u cioe' fil-5 ta' Marzu 2015 liema rikors tal-appell gie dikjrat irritu u null b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Dicembru 2015.

Kif iddikjarat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet "T L vs Linsa P G" tal-15 ta' Dicembru 2015, rikors sabiex isiru korrezzjonijiet f'sentenza referibbli ghall-konteggi ma jissospendiex it-terminu ghal prezentata ta' appell minn dik l-istess sentenza. Isegwi ghalhekk illi meta T L ipprezenta r-rikors ghal ritrattazzjoni fl-4 ta' Marzu 2015 is-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2014 kienet gia' ghaddiet in gudikat. Konsegwentement ghall-finijiet tar-ritrattazzjoni l-vot tal-ligi

ghal dak li jirrigwarda sentenza li ghaddiet in gudikat huwa sodisfatt. L-intavolar jum wara ta' rikors tal-appell manifestament fuori termine ma jvarja xejn mill-konsiderazzjoni appena maghmula.

Izda sfortunatament ghar-ritrattand, it-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni ma tissodisfax it-tieni kwezit mitlub bl-Artikolu 812 tal-Kap 12. Dan ghaliex sabiex talba ghal ritrattazzjoni tissodisfa il-vot tal-ligi, kif stabbilit bl-Artikolu 812 tal-Kap 12 invokat mir-ritrattata, mhux bizzejjed li s-sentenza moghtija mill-Ewwel Istanza tkun ghaddiet in gudikat izda huwa wkoll mehtieg illi l-parti li tkun qed titlob ritrattazzjoni tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien tal-appell.

Jirrizulta minn qari tar-rikors promotur illi ebda raguni hemm imressqa bhala raguni ghat-talba ta' ritrattazzjoni ma kienet mohbija lir-ritrattand bejn l-ghoti tas-sentenza u l-iskadenza tat-terminu tal-appell. Hawnhekk ir-ritrattand ifalli l-vot tal-ligi. Kif gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmel Attard vs Mario Debono et** moghtija fis-7 ta' Ottubru 2005:-

"….jekk il-parti li titlob ir-ritrattazzjoni kienet taf bil-fatti li jaghtu lok ghaliha meta hi, kienet ghadha tista tinqeda bir-rimedju ordinarju ta' l-appell, hu sewwa li hi ma tkunx tista tigi ammessa li tezercita r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni.".

Isegwi ghalhekk illi ma kienx moghti lir-ritrattand id-dritt li jressaq talba ghal ritrattazzjoni ghal ragunijiet li seta jressaq quddiem il-Qorti tal-Appell permezz ta' rikors ta' appell prezentat fit-terminu legali. Ir-rikors promotur huwa ghalhekk irritu u null.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara r-rikors guramentat tal-4 ta' Marzu 2015 bhala irritu u null u konsegwentement tillibera lill-ritrattata mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra r-ritrattand T L.

**Imhallef** **Deputat Registratur**